

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001912/2023/rev.1

lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Sylvie Guillaume (S&D), Raphaël Glucksmann (S&D), Nora Mebarek (S&D), Pascal Durand (S&D), Christophe Clergeau (S&D), Aurore Lalucq (S&D), João Albuquerque (S&D), Petra Kammerevert (S&D), Pierre Larrourou (S&D), Vilija Blinkevičiūtė (S&D), Costas Mavrides (S&D), Matjaž Nemeč (S&D), Alex Agius Saliba (S&D), Marc Tarabella (NI)

Suġġett: Euronews

Euronews huwa media awdjoviżiva bl-iskop inizjali li tipprovdi informazzjoni pan-Ewropea ta' kwalità għall-akbar udjenza. Huwa mifrux ma' 160 pajjiż, u jasal b'xejn f'400 miljun dar. Is-saħħa tagħha kienet li l-kollaboraturi internazzjonali isawru flimkien il-kontenut tagħha ta' kuljum, mill-istess kwartieri ġenerali, b'xandira fl-istess ħin b'diversi lingwi. Hija missjoni ta' interess ġenerali rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea fl-2010 u li qatt ma ġiet ikkontestata minn dak iż-żmien 'l hawn, fil-kuntest tal-ftehimiet ta' sħubija konklużi sabiex jiġi żgurat il-kofinanzjament pubbliku.

Bħalissa, Euronews għaddejja minn bidliet strateġiċi mmexxija mill-azzjonist maġġoritarju tagħha, ALPAC Capital. Dawn se jħallu impatt soċjali kbir (fil-kwartieri ġenerali ta' Lyon, li jinsab għall-bejgħ, u li se jwassal għal 197 sensja minn 349 post tax-xogħol, u l-bqija eventwalment iridu jitqassmu mill-ġdid) u se jġibu bidla drastika fil-mudell. B'dawn is-sensji kollha, in-natura multilingwi tagħha se tiddgħajjef, peress li l-maniġment indika li x-xandiriet fi tmiem il-ġimgħa se jibdew ikunu bl-Ingliż biss. Barra minn hekk, l-aħbarijiet se jibdew ikunu kkonċentrati mill-ġdid fuq Brussell, u dan huwa f'kontrast mal-iskop inizjali li l-pubbliku ġenerali jiġi infurmat.

Dawn il-bidliet, li jmorru kontra l-missjoni storika ta' Euronews, mhumiex f'kontradizzjoni totali mal-aħħar ftehim qafas ta' sħubija?

Imressqa: 13.6.2023